**22 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Anthony Lia

*versus*

Oliver Agius et.

**Appalt — Solidarjetà — Ċitazzjoni — Likwidazzjoni.**

*Jekk appalt jiġi mogħti minn diversi persuni, l-azzjoni tal-appaltatur għall-ħlas tal-prezz tal-appalt għandha tiġi esperita kontra kull wieħed mill-kommittenti għall-parti tiegħu biss, għaliex l-obligazzjoni relattiva mhix solidali, jekk din is-solidarjetà ma tkunx ġiet espressament miftiehma.*

*Jekk l-appaltatur fiċ-ċitazzjoni jitlob likwidazzjoni tal-ammont lilu dovut in saldu tal-prezz tax-xogħolijiet minnu eżegwiti, ma jistgħax jingħad li dik id-domanda hija magħmula ħażin, meta l-appaltatur ikun għamel xogħolijiet oħra barra dawk li għalihom ġie pattwit il-prezz tal-appalt, jew jekk jiġi eċċepit mill-appaltant li x-xogħol sar ħażin.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, flimkien mal-mejjet Oscar Grech Ellul, ta lill-attur l-appalt għar-rikostruzzjoni tal-fond numru 8 Gunlayer Street, Floriana; u illi l-attur eżegwixxa l-appalt u għadu ma tħallasx tax-xogħol kollu li għamel, u dan għaliex il-konvenut ikkontesta l-kont preżentat mill-attur għal dan ix-xogħol, kif ukoll illi xi parti mix-xogħol mhix eżegwita skond is-sengħa; talab (1) li jiġi minn din il-Qorti fissat l-ammont dovut mill-konvenut bi ħlas tax-xogħol tar-rikostruzzjoni tal-bini fin-numru 8 ta' Gunlayer Street, il-Furjana, li l-attur eżegwixxa b'inkariku tal-konvenut u tal-mejjet Oscar Grech Ellul; (2) li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur id-differenza bejn is-somma li tiġi hekk likwidata u s-somma li l-attur ġa rċieva akkont bħala ħlas parzjali tal-istess xogħolijiet, differenza bilanċjali a saldu li tirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' April 1954, li bih ġiet imsejħa fil-kawża l-eredità ġjaċenti ta' Oscar Grech Ellul;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-konvenut, kif ukoll l-imsejħin fil-kawża, issollevaw diversi eċċezzjonijiet, li xieraq jiġu eżaminati separatament;

Illi, fl-ewwel lok, il-konvenut oppona l-irritwalità taċ-ċitazzjoni, billi l-appalt kien ġie mogħti anki minn Oscar Grech Ellul, allura mejjet, u peress li l-obligazzjoni għall-ħlas tal-prezz mhix solidali, l-attur kien imissu ħarrek anki lill-eredi tal-istess Grech Ellul. Din l-eċċezzjoni tinsab illum eżawrita bil-kjamata in kawża ta' dawk l-eredi, li għaliha l-konvenut iddikjara li ma jsibx oppożizzjoni (ara wkoll verbal fol. 16). Però, huwa baqa' jsostni, fl-aħħar eċċezzjoni tiegħu illi, jekk l-attur baqgħalu jieħu xi bilanċ għax-xogħolijiet in kwistjoni, huwa ma kienx obligat iħallas ħlief in-nofs; għalhekk, anki għall-fini tal-ispejjeż relattivi, jeħtieġ li jiġi riżolut jekk il-ġudizzju kif propost kienx integru jew le;

Fl-iskrittura tal-appalt (fol. 7), il-kommittenti taw lill-attur "inkariku uniku" li jikkostruwixxi l-fond in kwistjoni bil-kunpens awtorizzat mill-War Damage Commission b'żieda ta' £1100, dedotti però l-flus dovuti lill-perit inkarigat, mingħajr ma ġiet stipulata ebda solidarjetà bejn il-kommittenti. Issa, f'din il-kawża, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, kellu jiġi diskuss "il-kont kollu" preżentat mill-attur għax-xogħolijiet "kollha" li saru minnu; u b'hekk l-istess attur kien jikkunsidra l-opra tiegħu bħala ħaġa waħda u inxindibbli. kif del resto kienet, u għalhekk kien imissu iħarrek anki lill-eredità ta' Oscar Grech Ellul, li kien ta l-appalt flimkien mal-konvenut Oliver Agius;

Rigward, mbgħad, il-ħlas tal-prezz, il-konvenut sewwa ssottometta illi hu talvolta tenut għan-nofs biss. Difatti, f'dan ir-rigward, l-obligazzjoni naxxenti mill-iskrittura tal-appalt *mhix solidali,* u ġuridikament lanqas hija *ndiviżib-*

bli. Jgħid a propożitu Vitalevi: — "Quando la commissione dell'appalto sia stata data da più persone, allora l'azione per il pagamento del prezzo può e deve spiegarsi contro ciascuna di esse per la sua parte o quota, perchè l'obbligazione relativa non è solidale, salva che la solidarietà siasi espressamente stipulata. Anzi non solo l'obbligazione di pagare il prezzo non è solidale di diritto, ma non è nemmeno indivisibile, una somma potendo sempre pagarsi per parti; onde, se lasci più eredi, questi saranno tenuti al pagamento del prezzo ciascuno soltanto per la sua porzione ereditaria. La quale solidarietà e indivisibilità non si potrebbero nemmeno indurre dalla circostanza che i committenti fossero comproprietari pro indiviso, non essendo il condominio, in diritto, generativo della solidarietà fra i condomini" (Digesto, Appalto di Opere e Lavori, § 307);

Illi taħt iċ-ċirkustanzi, u għall-konsiderazzjonijiet fuq miġjuba, l-eċċezzjonijiet in diżamina kienu f'lokhom, u l-ispejjeż relattivi għandu jbatihom l-attur, kif il-lum rappreżentat;

Illi l-konvenut u l-imsejħin fil-kawża opponew li d-domanda għall-likwidazzjoni tal-ammont dovut lill-attur hija infondata, billi l-prezz tal-appalt kien ġie preventivament determinat fl-iskrittura fol. 7. Iżda din l-eċċezzjoni mhix sostnuta; għaliex l-attur, skond iċ-ċitazzjoni, jippretendi illi huwa ma kienx tħallas tax-xogħol kollu li għamel, kompriżi dawk ix-xogħolijiet lilu ordnati fil-kors tal-appalt u mhux kompriżi fl-imsemmija skrittura, barra mill-fatt illi l-konvenut kien jippretendi li x-xogħol ma sarx skond is-sengħa. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-attur ma għamel xejn ħażin meta talab il-likwidazzjoni tal-ammont lilu dovut. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni qegħdha tiġi respinta; bl-ispejjeż kontra l-konvenut u l-imsejħin fil-kawża;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tal-perizja ġudizzjarja;

Tilqa' l-ewwel domanda tal-attur, billi tillikwida l-ammont li għad fadallu jieħu fis-somma ta' £524.14.1;

Tilqa' t-tieni talba, billi tikkundanna lill-konvenut u lill-imsejħin fil-kawża jħallsu l-imsemmija somma ta' £524.14.1 nofs kull wieħed, bl-imgħax legali mil-lum;

L-ispejjeż barra dawk ġa deċiżi, jitħallsu żewġ terzi mill-attur, kif il-lum rappreżentat, u terz mill-konvenut u msejħin fil-kawża, f'ishma ndaqs; iżda dawk relattivi għasseduta tad-19 ta' Ġunju 1956 jibqgħu kollha għall-attur.